**13 ta' Lulju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Onor. Avukat Dr. Joseph Cassar Galea M.L.A.

*versus*

Onor. Nestru Laiviera, M.L.A.

**Libell — "animus jocandi" — Art. 15, Kap. 117.**

*Skond id-definizzjoni tal-Liġi Maltija, il-fatt li bniedem jiġi espost għar-redikolu permezz ta' pubblikazzjoni stampata hu inkriminabili, u l-liġi ma tagħmilx ebda distinzjoni bejn bniedem politiku jew bniedem mhux politiku.*

*Is-satira ġornalistika ma hijiex, in se u per se, libelluża sakemm ma jaqbiżx il-konfini tal-est modus in rebus. iżda taqbeż dawn il-konfini ma tesponi lill-persuna kolpita għad-derizzjoni sal-grad tali li b'dik is-satira tiġi, fil-fehma ta' nies ben pensati, imnaqqsa l-istima ta' dik il-persuna.*

Il-Qorti, rat il-kwerela li biha 'l fuq imsemmi Avukat Dottor Cassar Galea addebita lil fuq imsemmi kwerelat li dan ngurjah bil-poeżija u n-nota li dehret fil-ġurnal "Il-Ħelsien"

fit-tielet paġina tan-numru tas-*Sibt, disgħa (9) ta' Marzu* 1963, — li tiegħu l-istess kwerelat ammetta li kien l-editur meta ġiet pubblikata l-poeżija in kwistjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-erbatax (14) ta' Mejju 1963, li biha l-kwerelat instab ħati għat-termini tal-kwerela, u ġie kkundannat għall-piena tal-multa ta' ħames liri, u għall-ispejjeż tal-kawża, minbarra *dik il-parti tal-ispejjeż li assuma li jħallas* il-kwerelat Attard Kingswell, oriġinarjament ċitat, iżda in segwitu maħruġ mill-kawża, skond il-verbal fol. 7 tal-inkartament, — minbarra hekk, l-ewwel Qorti ordnat il-pubblikazzjoni fil-**Ħelsien** tas-sentenza, jew ta' sunt komprensiv tagħha, fiż-żmien fl-istess sentenza msemmi;

Rat ir-rikors li bih il-kwerelat appella mis-sentenza fuq imsemmija u talab li tiġi revokata, — li hu jiġi dikjarat mhux ħati, u li għalhekk jiġi liberat;

Trattat l-appell;

**Ikkunsidrat:**

Skond il-verbal fol. 7, id-difiża eċċepit li l-poeżija u n-nota denunzjati ma humiex libellużi — u, in subordine, fil-każ *li huma, eċċepit il-prova tal-verità tal-fatti. Nonostanti* t-termini ġenerali, li fihom hi konċepita l-eċċezzjoni subordinata, hu ovvju li l-prova tal-verità ġiet offerta għar-rigward tan-nota, u mhux anki tal-poeżija, — tant jidher minn dak li jingħad in proposito espressament fit-tarf tal-aħħar konsiderando tas-sentenza appellata, u tant jidher ukoll mill-provi magħmula, mid-dibattitu quddiem din il-Qorti, mit-tenur tar-rikors tal-appell, u mix-xorta tad-difiża stess.

**Ikkunsidrat:**

Il-gravam dedott hu fis-sens li si tratta fil-każ in ispecje ta' satira leċita f'każ ta' bniedem politiku;

Osservat id-difiża li ma hemm xejn inġurjuż fil-pubblikazzjoni inkriminata, u li ma hux il-każ tal-eċċezzjoni tal-**animus jocandi,** imma tad-dritt tal-istampa li tippubblika karikaturi, bil-kliem jew bil-pittura, fuq nies politiċi;

Ikkunsidrat:

Għall-kjarifikazzjoni tal-proċess għandu jingħad li l-kwerelant iddikjara fix-xhieda tiegħu li hu jħossu inġurjat għas-sens tal-liġi peress li bil-poeżija u n-nota **hu ġie ridikolat;**

Ikkunsidrat:

Fit-testi dottrinali f'din il-materja ta' libell (ara per eżempju l-**Odgers** "On Libel & Slander" p. 17 et seq. — **Gatley** "On Libel & Slander" p. 15 — **Hickson & Carter-Ruck** — The Law of Libel and of Slander, p. 24, u diversi oħra) ġew illustrati definizzjonijiet molteplici tal-Qrati dwar xin huwa libell, iżda, kif osservaw iż-żewġ awturi l-aħħar ċitati, "none of these definitions are all-embracing or faultless", u kif osserva l-**Gatley** fin-nota nru. (1) paġ. 15 loc.ċit.) "It is difficult to give an exhaustive definition of a libel". — Fortunatament, dan ma hux problema li għandu jippreokkupa wisq il-Ġudikant fil-Qrati ta' Malta għas-sempliċi raġuni li l-liġi tagħna hi kodifikata, u għalhekk 'inhuwa libell jinsab stabbilit f'termini espliċiti fil-liġi positiva, li hi, u għandha tkun, il-liġi regolatriċi.

Issa l-liġi — Kap. 117 Ediz. Riv. — art. 15 — tikkontempla mhux biss dak li jolqot l-unur u l-fama ta' persuna, imma, bħala ipotesi distinta u alternativa, tivviżwalizza wkoll addebiti li jesponu s-soġġett passiv **"to public ridicule** or con-

tempt". — Dan hu konformi għall-insenjamenti dottrinali, — biżżejjed wieħed jiċċita l-Fraser "On Libel and Slender", 7th edit. 1963, p. 3, fejn jingħad "A defamatory statement is a statement concerning any person which exposes him to hatred, ridicule or contempt or which causes him to be shunned or avoided or which has a tendency to injure him in his office, profession, or trade", — definizzjoni li ġiet approvata minn Mr. Justice McCardie fil-kawża Myroft v. Sleight (1921) 37 T.L.R., 646, 647.

Mela skond id-definizzjoni tal-liġi Maltija, il-fatt li bniedem **jiġi espost għar-redikolu** permezz ta' pubblikazzjoni stampata hu inkriminabili, u l-liġi ma tagħmilx ebda distinzjoni bejn bniedem politiku jew bniedem mhux politiku.

Għalhekk, in linea di massima, u **salv dak li sejjer jiġi rilevat aktar tard,** ma hijiex aċċettabili, fis-sistema leġislativ Malti, il-propożizzjoni, posta f'termini **assoluti** fir-rikors tal-kwerelat, fol. 32 tergo, bil-kliem — "id-dritt ta' l-istampa li twaqqa għaċ-ċajt, permezz ta' karikaturi, bil-kliem jew bil-pittura, *tan-nies politiċi*" —

Minn naħa l-oħra, lanqas ikun korrett ġuridikament li jingħad illi kwalunkwe satira, peress li toffendi s-suxettibilità individwali tas-soġġett passiv, billi ssemmieh f'kontest umoristiku, hija tabilfors inkriminabili. Hu veru li l-liġi tgħid sempliċement li l-iskritt ikun passibili ta' azzjoni kriminali jekk fih bniedem jiġi espost għar-ridikolu, imma tkun "absurda interpretatio" u tali li biha l-liġi "omni ratione destituatur" kieku kellu jiġi trasfurat **kull kriterju raġonevolment delimitativ.**

Għalhekk il-problema ġuridiku, li għadha taffronta din il-Qorti, hu dak li tistabilixxi **liema huma l-limiti** li fihom għandha tkun kontenuta s-satira biex ma tkunx punibili, —

dawn il-limiti għandhom minn naħa waħda jevitaw il-propo-sizzjoni esterna tad-dritt illimitat u skonfinat ta' l-istampa li tissatira bniedem pubbliku, u minn naħa l-oħra l-propożiz-zjoni l-oħra, ukoll esterna, li kull satira hi, **kważi ipso facto,** inkriminabili.

Ikkunsidrat fuq dan il-pont,

Hu veru in massima dak li jgħid il-Professur **Nuvolone**, titolari tal-kattedra ta' Dritt Penal fl-Università ta' Pavia, fil-ktieb Reati di Stampa, 1951, paġ. 32 illi —

> "...in un ordinamento libero, pensiamo che la critica anche in **forma di satira**, attraverso lo scritto o la vignetta umoristica, non possa costituire **di per sè** un'offesa dal punto di vista giuridico".

Iżda, id-dritt tal-libertà tal-istampa għandu jiġi armoniz-zat mad-dritt, ugwalment fondamentali, ta' kull bniedem, hekk espress mill-Imħallef Cave in Scott v. Sampson, (1882) 8 Q.B.D. p. 503 —

> "The law recognises in every man a right to have the estimation in which he stands in the opinion of others unaffected by statements to his discredit".

Jgħid għap-propositu il-Piromallo, Primo Presidente Or-dinario tal-Corte di Cassazione —

> "Il diritto di libertà di cronaca incontra un limite insuperabile nella incriminazione della diffamazione per mezzo della stampa"

u —

"il diritto di poter manifestare liberamente il proprio pensiero colla stampa è all'attivo, ma al passivo è il limite costituito dal diritto spettante a tutti gli uomini di non veder lesi i loro diritti".

U għandu jingħad ukoll li l-istampa ma għandhiex dritt akbar miċ-ċittadin li tikkritika —

"A newspaper has the right, and no greater or higher right, to make comment upon a public officer or person, occupying a public situation, than an ordinary citizen would have".

(Per Lord Shaw in Langlands vs. Long 1916). (S.C., H.L. p. 110 — u numerużi awtoritajiet oħra ċitati fis-sentenza Pul. vs. Dr. Micallef Stafrace App. Krim. 9 Jannar 1959).

Minn dan li ngħad isegwi li l-kriterju limitativ għandu jkun imqiegħed appuntu **fl-element ta' dik l-istima** li kull bniedem għandu dritt li jammantjeni invjolata. Għalhekk igħid sewwa l-**Odgers** —

"And so too are all words which hold the plaintiff up to contempt, hatred, scorn or **ridicule**, and which, **by this engendering an evil opinion of him in the minds of right-thinking men**, tend to deprive him of friendly intercourse and society".

L-istess awtur wara li jgħid (p. 1) illi —

"Every man has a right to have his good name maintained unimpaired"

jikkomprendi, fin-noveru tal-materja libelluża. "words tending

to bring into **ridicule or contempt"**

u jgħid illi —

> "In each case the question will be — **have the defendant's words appreciably injured the plaintiff's reputation?"**

L-istess il-**Gatley** wara li jgħid li —

> "Scandalous matter is not essential to make a libel. It is enough if the words render the plaintiff contemptible or **ridiculous. . ."**

ikompli jirrileva li —

> "To amount to a libel the words must tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally".

Il-**Folkard** "The Law of Slander and **Libel**" p. **156**, **wara li,** fost l-alternativi l-oħra, jikkontempla anki dak li **s-soġġett passiv** ikun "held up to scorn and **ridicule"**, isemmi fl-istess **paragrafu** dawk ir-"ridiculous representations of him **as to tend to lessen him in the esteem of the world".**

Fil-monografija ta' Vincenzo Vescoir, fil- "Digesto Itaiano", taħt l-intestatura "Ingiuria e Diffamazione", Vol. 13 Parte Prima, p. 883 et seq. para. 96, jingħad —

> "...in tema di ingiuria colla stampa non è mai ammesso l'**animus jocandi** quando le parole usate **riescono ad offendere**... nè essendo lecito di spargere il ridicolo e con tale mezzo **riuscire all'ingiuria"**

Aktar tard —

"Quando il terzo abbia risentito effettivo danno nell'onore, l'autore dello scritto o del disegno non potrebbe ripararsi dietro la comoda e facile scusa dell'animus jocandi".

Fil-kors ta' din il-monografija dan l-awtur juri li hu kellu dejjem quddiem għajnejh is-satira li ġib disistima tal-investit, — u difatti jsemmi —

"gli scherzi sanguinosi e feroci che dilaniamo l'onore più di un'aperta ingiuria, più di una esplicita diffamazione..."

Fost il-każijiet li jippermettu ċerta indulġenza għall-iskrivent, meta ma jġibux nuqqas ta' stima, "verso colui che è stato il bersaglio di un frizzo giornalistico", hu jsemmi l-iskritti politiċi.

L-istess awtur fin-nota (1) paġ. 976 jiċċita d-dottrina ingliża ċioè s-Seymour, u, wara li jirrileva li anki fis-sistema ingliż l-iskritt li jkopri l-kolpit bir-ridikolu, jista' jkun libellus, jaġġunġi l-kliem li dan jiġri meta jiġu eċeduti l-limiti billi jiġi "aggedito il carattere personale dell'autore".

Ikkunsidrat:

In konformità għal dak li ġie premess, din il-Qorti jidhrilha li tista' tenunċja din il-proposizzjoni in materja, — is-satira ġornalistika ma hijiex, in se u per se, libelluża sakemm ma tivvarkax il-konfini tal-"est modus in rebus", iżda tivvarka l-konfini meta tesponi lill-persuna kolpita għad-derisjoni sa grad tali li b'dik is-satira, contuttochè satira, tiġi, fil-fehma ta' nies ben pensati, imnaqqsa l-istima ta' dik il-persuna;

Ikkunsidrat:

Ma hemmx dubju illi, fil-każ preżenti, il-pubblikazzjoni inkriminata *hija fil-forma* ta' satira verseġġata. Jingħad fiha l-ewwel nett, taħt id-dedika magħmula **nominatini**, li l-kunjom dupliċi tal-kwerelant, li iriegħed, mill-ewwel wera x'jaf, — isir il-paragun tal-kwerelant ma' Stolper, li attwalment qed jaqdi inkariku f'Malta bħala espert internazzjonali fl-ekonomija, u jingħad li floku seta' ġie inkarigat, il-kwerelant, — isiru mbagħad paraguni oħra ma' Steinbeck, de Gaulle u Nasser, u kommenti sarkastiċi fuq il-kapaċità tal-kwerelant fil-politika u fil-filoloġija, — in segwitu l-iskrivant jikkonsilja lill-kwerelant biex ma jħalliex għerfu "qiegħed", u biex iħaddem rasu, u hemm, f'din l-istrofa, il-kliem "ħallik minn Ragones" b'asterisk, li jagħmel rikjam għan-nota in kalce, li fiha jingħad li l-kwerelant huwa wieħed minn dawk li applikaw biex isiru segretarji tal-partit nazzjonalista minflok l-Avukat Dottor V. Ragonesi. — Fl-aħħar strofa, l-iskrivent ikompli jesorta b'ton sarkastiku lill-kwerelant biex dan (ipsis verbis) "l-għerf maħżun fil-vini xerred mad-dinja" sabiex isir famuż, *tant li ismu jkun jidher "sa fuq is-sulfarini"*;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti rriflettit fit-tul fuq dan l-appell, pressata, kif ħassitha, bil-preokkupazzjoni li, minn naħa waħda, ma tiġix indebitament koartata l-libertà ta' l-istampa, partikolarment fil-kamp politiku, u minn naħa l-oħra, ma jiġix perikolat id-*dritt invjolabili* ta' kull persuna għall-istima soċjali, — u waslet għal din il-konklużjoni.

Ma jistax ikun hemm dubju li l-iskrivent ta' din il-poeżija sserva b'dik il-form ta' satira li tikkonsisti fl-ironija ossia **sarkasmu**. Ugwalment, ma jistax jiġi dubitat li s-satireġġant, bil-paraguni li għamel tal-kwerelant ma' nies prominenti, ried **per antitesi** jbaxxi u jċekken lill-istess kwerelant. B'dawk il-paraguni, u bit-ton kollu kemm hu tal-versi inkriminati, l-is-

krivent ried jilħaq skop wieħed, u ebda skop ieħor ma jista' jiddeżumi l-qarrej ta' intelliġenza normali, — dak, ċioè, li jpinġi lill-kwerelant bħala bniedem politiku inkapaċi u ta' ebda valur fil-karika tiegħu bħala deputat tal-poplu. Ma hux il-każ ta' xi **mot d'esprit**, li jintqal **en passant**, f'kontest ta' ċajt, li fil-qarrej iħalli biss is-sensazzjoni ta' xi spirtu skorżus pjaċevolment akut, jew ta' xi arguzzja inċiżiva, — imma hu invece, il-każ ta' **carica a fondo** kontra l-kwerelant, intisa biss biex taħt il-maskra konvenjenti tas-satira, tirrappreżentah bħala bniedem politikament inkompetenti sal-grad tar-ridikolu. Ebda ġurista ċertament ma hu qatt sejjer jikkundanna li jiġi kritikat, anki talvolta f'termini vivaċi, bniedem pubbliku, u li tiġi kritikata, f'termini sobri, oġġettivi u bilanċjati, il-kapaċtà tiegħu bħala tali, imma hemm ċerti limiti, li ma jistgħux jiġu oltrepassati, u, fost każijiet oħra, dawn il-limiti jiġu oltrepassati meta s-satira, b'malinjità larvata taħt forma ta' sarkasmu, jew ironija, tinvesti, fil-kontest tagħha ripetut, il-persuna tal-kolpit bir-ridikolu fi grad tali li jiġi inġenerat fil-qarrej, **mhux sens** ta' umoriżmu pjaċevoli li ma jħallix pjagi, imma sens ta' nuqqas ta' stima versu l-persuna esposta għal dak is-sarkasmu. Qalet sewwa sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Milan, 20 gosto 1899, Asti C. Ferrari, riportata fil-Giurisprudenza Penale Torinese, Vol. XIX, p. 152, illi "**punzecchiare** non è sinonimo di **ingiuriare**". Il-Qorti tkompli tirrileva li fil-versi denunzjati ma hemmx ħlief derisjoni kontinwa tal-kwerelant, u kumulativa, li tilħaq grad tali li twaqqgħu għaċ-ċajt b'mod li tonqos li stima tiegħu bħala bniedem politiku, b'responsabilità lejn il-kostitwenti tiegħu, lejn il-partit tiegħu, u lejn pajjiżu. Osserva tajjeb l-awtur **CHASSAN**, fl-opera tiegħu "Des debits et contraventions de la parole", Vol. I — "La derisione in fatto di mancamento di stima non è che un oltraggio, perchè tende a provocare il disprezzo e la sconsiderazione".

Jaqra kif jaqra l-iskritt inkriminat, wieħed ma jistax jgħid li l-iskrivent qiegħed biss jgħaddi in berlina lill-kwerelant, bi

spirtu *innokwament umoristiku,* biex *sempliċement idaħħaq* lill-qarrej, sija pure a spejjeż ta' ħaddieħor, — imma għandu, invece, iħossu konvint li l-iskrivent ried jesponi lil-kwerelant għal grad tali ta' ridikolu li jiddemolih, billi jirraffigurah bħala bniedem politiku ta' ineffiċjenza tali li għandu jiġi mgħoddi biż-żmen — u, b'daqshekk, ċertament ma hemmx is-satira leċita imma hemm is-satira li, appuntu għax tnaqqas l-istima tal-persuna kolpita, ebda Qorti ma tista' tittollera. — Per tutt' altro, din *il-Qorti tagħmel* tagħha dak li rritenit l-ewwel Qorti;

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċiedi billi tirrespinġi l-appell tal-kwerelat, u tikkonferma s-sentenza appellata, kompriż l-ordni tal-pubblikazzjoni. L-ispejjeż jitħallsu mill-kwerelat appellant. Onorarju tad-difensuri **uti infra.**

Omissis.